# NEWSHEET TAL-GĦAQDIET KATTOLIĊI

Segretarjat għall-Apostolat tal-Lajċi



IL-KURJA, KAXXA POSTALI 1 TRIQ IR-REPUBLIKA, VICTORIA, VCT 1013, GĦAWDEX, MALTA

TEL: 2155 6661 – 21556427 – 2155 1211 FAX: 2155 1278 WEBSITE: www.gozodiocese.org


## JUM L–ISQOF NIKOL Ġ. CAUCHI

***Il-Ħadd, 2 ta' MARZU 2008***

Il–Moviment « Pro Sanctitate » f'Għawdex se jorganizza bħas–snin l–imgħoddija Jum l–Isqof Cauchi, bħala att ta' rikonoxxenza lejn il–ħidma tiegħu bħala Isqof, nhar il–Ħadd ,2 ta' Marzu fil–Knisja tar–Ragħaj it–Tajjeb, Victoria. Il–konċelebrazzjoni immexxija mill–Isqof Cauchi flimkien mal–Isqof Djoċesan Mons Mario Grech, Isqof t'Għawdex tibda fis–7.00p.m.Is–Saċerdoti kollha huma mistiedna jikkonċelebraw. Kulħadd huwa mistieden.Il–membri ta' l–Għaqdiet Kattoliċi huma mħeġġin jattendu.

## Siltiet mill–Pastorali tar–Randan 2008
## Tal–E.T. Mons Pawlu Cremona O.P.Arċisqof ta' Malta
## u tal–E.T. Mons Mario Grech
## Isqof t'Għawdex

**"XI TRIDU?" "X'QEGĦDIN TFITTXU?".**

Għeżież ħutna fis–Saċerdozju Ministerjali, fil–Ħajja Konsagrata u ħutna fil–Magħmudija.

Ir–Randan hu wieħed mill–iżjed mumenti qawwija ta' matul is–sena biex norbtu dak li qed ngħixu kuljum mal–fidi tagħna f'Ġesu* Kristu li miet u qam mill–mewt. B'din l–Ittra din is–sena nixtiequ bħala Isqfijiet nagħmlu stedina speċjali sew lil min għadu midħla tal–Knisja kif ukoll lil min, għal raġunijiet li jistgħu jkunu diversi, tbiegħed. F'dawn l–aħħar sentejn fil–gżejjer tagħna rajna mewġa ta' entusjażmu li lilna għamlitilna l–qalb. Imtlejna b'ħafna kuraġġ u tama għaliex stajna naraw li fil–qalb ta' ħafna hemm tfittxija ġenwina għal dak li hu veru u sabiħ. Fl–esperjenzi u fl–uċuh ta' tant nies li ltqajna magħhom, rajna kemm il–poplu tagħna għad għandu aspettattivi mill–Knisja.  Dan lilna jgħabbina b'ħafna responsabbilta* lejkom.

**Sfida sabiħa: talb, sawm, u karita***

F'mument sabiħ meta s–soċjeta* u l–kultura tagħna għaddew u għaddejjin minn tibdil li xi drabi jista' jifxilna, nistħajlu lil Ġesu* jdur lejna, kif darba dar fuq Indri u Xmun, u jagħmlilna l–mistoqsija:  "Xi tridu?", "X'qegħdin tfittxu?"  Din l–istess mistoqsija nixtiequ nressquha quddiemkom għar–Randan ta' din is–sena.  Għal darb'oħra, il–Kelma ta' Alla rridu nħalluha tkellimna u ddawwalna fuq dak li konkretament qed jiġri madwarna u ġo fina biex niskopru x'qed infittxu, x'qed nistennew mill–ħajja, u x'inhi l–fidwa u l–fejqan li l–Mulej għadu qed joffrilna. . ………………………

Ma nixtiequx li Randan wara l-ieħor nibqgħu nisimgħu l-Kelma ta' Alla bla ma nindunaw x'hemm f'ħajjitna li jista' jkun sejjer ħażin. Il-Mulej irid li nikkonvertu lejh għaliex bih u miegħu ħajjitna tista' tkun differenti u aħjar. Ir-Randan kull sena jiftaħ bil-kliem tal-Profeta: "Ċarrtu qlubkom u mhux ilbieskom", u bil-kliem ta' San Pawl: "Agħmlu ħbieb ma' Alla". Kif nistgħu nisimgħu dal-kliem u donnu kollox jibqa' kif inhu? It-talb, is-sawm, u l-karita* huma tliet armi li l-Knisja sa mill-bidu tal-istorja tagħha poġġiet quddiemna għax biex tagħmel it-tajjeb trid tikkumbatti u trid tkun b'saħħtek biżżejjed spiritwalment. Mingħajr il-qawwa li tiġi minn Alla, inkunu dgħajfa. U jkun faċli ninġarru mill-kurrent u l-fidi tagħna tisfa fix-xejn.

***Kompli aqra il-Pastorali li ntbagħtet lil kull familja d-dar jew minn www.gozodiocese.org***

# Kalendarju Pastorali

**Marzu 2008** **Numru 375**

| | |
|---|---|
| 1.Sibt | Katekeżi tar-Randan għaż-Żgħażagħ – Knisja ta'San Ġakbu 8.30p.m – KDZ.<br>It-13 il dehra tal-B.V.M. ta' Lourdes.<br>Lejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku fil-Knisja ta' Savina,Victoria fit-8.00p.m. |
| 2.Ħadd | Ir-Raba' Ħadd tar-Randan. Messalin sena A. paġina 150.<br>Jum l-Isqof Nikola Ġ. Cauchi.-Nitolbu għalih.<br>*Konċelebrazzjoni mmexxija mill-Isqof Cauchi flimkien ma' l-Isqof Mario Grech, Isqof t'Għawdex fil-Knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb, Victoria, fis-7.00p.m. .Kulħadd huwa mistieden.*<br>L-14 il dehra tal-B.V.M. ta' Lourdes.<br>Films għall-familja kull nhar ta' Ħadd fil-5.30p.m fl-OratorjuDonBosco,Victoria.<br>Festa ta' San Girgor il-Kbir- Parroċċa ta' Kerċem. |
| 3.Tnejn | Il-15 il dehra tal-B.V.M. ta' Lourdes. |
| 4.Tlieta | Eżerċizzi tar-Randan għaż-Żgħażagħ Għawdxin f'Malta (Kappella tas-sorijiet Franġiskani, Msida – 7.15p.m.).<br>Il-15 il dehra tal-B.V.M. ta' Lourdes. |
| 5.Erbgħa | Laqgħa tal-Kulleġġ tal-Kappillani fiċ-Ċentru tar-Ragħaj it-Tajjeb fit-8.30a.m.<br>Eżerċizzi tar-Randan għaż-Żgħażagħ Għawdxin f'Malta (Kappella tas-sorijiet Franġiskani, Msida – 7.15p.m.). |
| 6.Ħamis | Eżerċizzi tar-Randan għaż-Żgħażagħ Għawdxin f'Malta (Kappella tas-sorijiet Franġiskani, Msida – 7.15p.m.). |
| 7.Ġimgħa | L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar. Adorazzjoni u Tqarbina Riparatriċi. |
| 8.Sibt | Jum Internazzjonali tan-Nisa (NU).<br>Katekeżi tar-Randan għaż-Żgħażagħ (8.30p.m.- KDŻ) fil-Knisja ta' San Ġakbu, Victoria.<br>Lejl Adorazzjoni mill-Mov, Ewk. fil-Knisja tar-Ragħaj, Victoriali jibda fit-8.00p.m. |
| 9.Ħadd | It-Tielet Ħadd tar-Randan. Messalin sena Ċ. paġina 156.<br>Films għall-Familja kollha kull nhar ta' Ħadd, fil-5.30p.m.fl-Oratorju Don Bosco Victoria. |
| 13. Ħamis | Grupp Saċerdoti Spiritwalita' San Ġorġ Preca – Ċentru Ragħaj it-Tajjeb , Victoria. 4.30p.m. |
| 14.Ġimgħa | Tifkira tal-Verġni Mqaddsa tad-Duluri: Purċissjonijiet fil-Parroċċi. |
| 15.Sibt. | San Ġużepp, l-Għarus tal-Verġni Marija –Solennita' Traferita. Messalin Sena B. p.535.<br>Ċelebrazzjoni Djoċesana ta' Jum iż-Żgħażgħ (8.30p.m. KDŻ).<br>Lejl Adorazzjoni mill-Mov. Ewkaristiku fil-Kappella ta' l-Oratorju Don Bosco, Victoria li jibda fit-8.00p.m. |
| 16.Ħadd | ***Ħadd il-Palmu l-Passjoni tal-Mulej. Messalin sena A. paġina 163.***<br>***It-23 Jum Mondjali taż-Żgħażagħ.***<br>***Films għall-Familja kollha kull nhar ta' Ħadd fil-5.30p.m. fl-Oratorju Don Bosco, Victoria.*** |
| 17.Tnejn | Via Sagra Djoċesana (T' Għammar – 7.00p.m.) |
| 18.Tlieta | Jum is-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni (Ċelebrazzjoni Komunitarja tal-Qrar fil-Parroċċi). |
| 20.Ħamis | Ħamis ix-Xirka:Messalin sena B p190-204. Quddiesa tal-Griżma fil-Katidral fid-9.00a.m.<br>li fija jitbierku ż-żjut imqaddsa u s-saċerdoti jġeddu l-wegħdiet Saċerdotali tagħhom. ikla għas-saċerdoti fis-Seminarju.<br>Viżti tas-Seba' Knejjes Servizz Ekumeniku – Leġjun ta' Marija. |
| 21. Ġimgħa | Il-Ġimgħa l-Kbira.Tifkira Solenni tal-Passjoni tal-Mulej.<br>Sawm għal dawk bejn it-18 u 59 sena u astinenza mil-laħam minn dawk 'l fuq minn14 -il sena.<br>Jum internazzjonali biex titneħħa d-Diskriminazzjoni Razzjali (NU) |
| 22.Sibt. | Is-Sibt Imqaddes ta' l-Għid. Il-Lejl Qaddis tal-Vġili ta' l-Għid –Solennita' Missalin Sena B.p.232<br>Lejl Adorazzjoni mill-Mov.ewkaristiku fil-Knisja tal-Qalb ta' Ġesu' Nadur li jibda fit-8.00p.m. |
| 23.Ħadd | Il-Għid il-Kbir tal-Qawmien tal-Mulej mill-Imwiet. Messalin sena B. p.271-278<br>Films għall-Familja kollha kull nhar ta' Ħadd fil-5.30p.m. fl-OratorjuDon Bosco, Victoria. |
| 24-30 | L-Otava tal-Għid. |
| 25. Tlieta | Is-16-il-Dehra tal-B.V.M. ta' Lourdes. |
| 29.Sibt | Adorazzjoni għall-Persuni Kkonssagrati fil-Parroċċa ta' San Lawrenz li tibda fis-6.00p.m.<br>Lejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku li ser isir fil-Knisja ta' Santu Wistin, Victoria li jibda fit-8.00p.m. |

| | |
|---|---|
| 30.Ħadd | It-Tieni Ħadd tal-Għid. Messalin sena A.p.186.jew il-Ħadd tal-Ħniena Divina. |
| 31.Tnejn | Tħabbira tal-Mulej.- Solennita Traferita. Messalin A, paġina 447.<br>Festa tal-Lunzjata Knisja tal-Lunzjata – Victoria.<br>Jum il-Ħelsien –Jum Nazzjonali. |

**Maħruġa mis-Segretarjat għall-Appostolat tal-Lajċi Kurja ta' l-Isqof - Victoria - Għawdex.**